**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

30 **t' Awissu 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlnejn 30 t' Awissu fl-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 33 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **33.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **33.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 33.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 32 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl li ġew approvati mill- viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **33.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 33.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li waslu l-maskri tar-reġjun li ser jitħallsu mill-kunsill u ser jiġu rimborsati mir-Reġjun Xlokk. |
| 33.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk ħadmu fuq is-sinjali tax-xatt u ta Triq il-Vitorja li tlestew kollha, u għamlu il-bankina ta' Triq San Mikiel. |
| 33.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar l-invit minn għand l-Arċipriet għas-7 ta' Settembru sabiex jinfurmawh min sejjer minħabba il-postijiet u sabiex ikunu fil-ħin. |
| 33.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar it-talba li resqgħet is-Sinj. Isabelle Warrington għal-applikazzjoni mal-Arti u l-Kultura l-proġett ta' tisbieħ fi Pjazza Andrea Debono, fejnil-kunsill informa lil periti tal-kunsill sabiex idaħħlu l-applikazzjoni għall-DNO u is-Sinj. Isabelle tkun tista tapplika għal dawn il-fondi għal dan il-proġett. |
| 33.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar jekk jaqblux li l-kunsill joħroġġ kartolina li titqassam bieb, bieb għal-festa tal-okkażżjoni tal-mitt sena tal-inkurunazzjoni ta' Marija Bambina. Il-Kunsill ġabar tlett kwotazjonijiet minn printers differenti. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 33.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru 2021 huwa mistieden għall-konferenza tal-fondi li inatgħu lil kunsill għall-proġett tal-lift fi Triq l-Arkati għal Triq is-Sirena bl-iskema SPI/SCI/3/2020 Skema Finanzjament Aċċesibilita' u Mobilita'. Dan il-proġett huwa meqjus li ser jiġi jiswa madwar €95,529. Il-Kunsill ingħata is-somma ta' €48,720,28 |
| 33.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li ser jikkomunika mas-sindku tal-Birgu dwar l-invit għal Jum il-Birgu li ħadd ma jista jattendi peress li fis-7 ta' |

| | |
|---|---|
| | Settembru il-kunsill għandu l-parata ta' lejliet il-festa ta' ċentinarja ta' Marija Bambina. |
| 33.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-segretarju eżekuttiv bagħtet imejl dwar id-depożiti fejn hi infurmat lid-direttur li qed issib ħafna ostakli mill-bank sabiex jiġu aċċettati l-minuti, il-kunsill lokali jaċċetta pagamenti b'*cash notes, credit cards u ċekkijiet.* Is-Sinj. Graziella Gellel bagħtet imejl lid-direttur tad-dipartiment dwar id-depożiti. |
| 33.03.09 | Is-Sindku irringrazzja f'ismu u f'isem il-kunsilliera, lil kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar li flimkien ma missierha is-Sur Vince Buhagiar ħadmu information box għat turisti u li ġiet imwaħla mis-Sur David Agius fil-Ġnien tal-Gardjola volontarjament. |
| 33.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu ma l-Onor Jose Herrera dwar l-Arblu tal-Gardjola sabiex jiġi skedat bħala monument sabiex ifakkar il-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija. L-Arblu jkun tal-kunsill u jieħdu ħsiebu l-għaqda tal-festa. L-Onor Jose Herrera ser jagħti donazzjoni mill-ministeru tal-kultura għal dan ix-xogħol tal-pedestal tal-arblu. |
| 33.03.11 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li hu flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mas-sur Kevin Fsadni mill-MTA dwar ir-regolamenti tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sur Fsdani qal li ser jibgħat l-uffiċjali tagħhom biex jaraw is-sitwazzjoni. |
| 33.03.12 | Is-Sindku informa lil-Kunsilliera li l-project Manager issuġġerixa li issiru stickers sabiex min joħroġ il-borża mhux fil-ġurnata it-tajba, il-kunsill ikollu nies iduru u jwaħħlu stiker fuq il-borża li inħarġet fil-ġurnata l-ħażina u jekk terġa issir jingħata multa. Il-Kunsilliera qablu mal-proċess ta' dawn l-istikers. Il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet għal dawn l-istikers. Il-kunsilliera qablu ma dinis-sitema u l-istampar tal-istikers. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia ikkonferma li l-kolletur ma kienx qed iħallat il-boroż organiċi ma dawk il-boroż is-suwed għaliex waqqaf il-kollettur u l-kollettur wrieh kif fit-trakk stess jissepara l-borża organika mll-borża s-sewda. |
| 33.03.13 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li fid-9 ta' Settembru mhux ser jinħarġu permessi makkinarji matul ix-xatt sa Boiler Wharf biex ma jinħoloqx konġestjoni ta' traffiku għaliex dak in-nhar il-kunsill huwa infurmat mit-Transport Malta li ser jidħol Cruise Liner. |
| 33.03.14 | Is-Sindku ressaq proposta minn għand Amanda Vassallo sabiex issiru klassijiet tal-yoga fix-xahar t'Ottubru fil-Ġnien il-gardjola u saqsa jekk il-kunsilliera jaqblux ma din il-proposta. Il-kunsilliera qablu ma dawn il-klassijiet. |

| | |
|---|---|
| 33.03.15 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand is-Sur Justin John Camillieri sabiex fl-24 ta' Settembru jintuża l-grawnd mill-kottonera foundation biex issiru xi attivitajiet. Il-Kunsilliera qablu dwar dan l-użu taż-żona ta' ħdejn il-grawnd. |
| 33.03.16 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand l-Akl dwar European week of sport fejn il-kunsill ser jagħmel attivita u ser tkun imħallsa minn Sports Malta. |
| 33.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar ser tatendi għal ta' Code Week li ser issir onlajn. Ser tkun qed tiddiskuti jekk il-kunsill jistax jagħmel xi proġett zgħir mat-tfal tal-iskola fil-librerija bejn id-9 u l-24 t'Ottubru 2021. |
| 33.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li t-tarmak fi Triq San Ġiljan ser ikun lest sa tmiem din il-ġimgħa. Kif ukoll informa lil kunsilliera li x-xogħol tat-tieni fażi tad-daħla tal-Isla waqfgħet għal żmien il-festa u jitkompla eżatt kif jgħaddu l-ġranet tal-festa. |
| 33.03.19 | Is-Sindku informa li ser jiġi ippublikat fuq il-gazetta tal-gvern li ser issiru klassijiet wara l-ħin tal-iskola li ser jissejħu Junior Science Club, dan l-avviż ser ikun ukoll fuq il-paġna tal-FB tal-kunsill u s-Sinj. Isabelle Zerafa ser tieħu ħsieb il-konkorenza ta' dan il-kors, kif ukoll għat-talba tal-għalliem professjonali dwar dan il-qasam. |
| 33.03.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat mal-kunsilliera li sabiex tkun tista taċċesa share folder hemm bżonn li jinxtara kompjuter ieħor għaliex li qed tuża bħal issa m'għandux spazju biżżejed biex tkun tista taċċesa dan il-programm. Il-Kunsilliera qablu li jinxtara dan il-kompjuter, u monitor akbar u keyboard u mouse li jmorru ma din il-monitor. Il-Kunsillier qablu ma dan l-akkwist. |
| 33.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet jekk hux ser jinħarġu permessi ta' kiosks għal festa. Il-Kunsilliera qablu li jinħarġu dawk tradizzjonali u l-kiosks ta take away in-naħa tal-grawnd biss. |
| 33.03.22 | Is-Sindku ressaq proposta sabiex issir BBQ fit-terrazzin tal-kunsill bejn il-ħaddiema u l-kunsilliera kollha tal-kunsill sabiex jingħalaq l-istaġun tas-Sajf u jservi bħala aktar kommunikazzjoni bejn l-istaff u l-kunsilliera għal aktar ħidma kontinwa. Il-Kunsilliera qablu ma dan u deċizjoni tad-data ġiet mifthema li tkun il-25 ta' Settembru 2021. |

| | |
|---|---|
| 33.03.25 | Is-Sinkdu informa lil kunsilliera preżenti li għada talaq it-tender tal-E-Van għalhekkjixtieq li għada wara li tingħalaq it-tender, il-kunsill jiltaqa' b'urġenza sabiex japprova din it-tender biex il-proċess tat-tender ikun jista jkompli jitmexxa. Il-Kunsilliera qablu lijiltaqgħu f'laqgħa b'urġenza għada fl-1 ta' Settembru 2021 fis-3.30pm. |
| 33.03.26 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl datata 10 t' Awissu 2021 minn għand is-Sinj. Maria Zammit mill-HR department lil-kunsilliera preżenti sabiex japprovaw il-leave tas-segretarju eżekuttiv li jkun baqa' fl-aħħar tas-sena 2021 sabiex 50% minnu jiġu akkumulat għas-sena 2022. Il-Kunsilliera preżenti approvaw il-50 % tal-akkumulazzjoni tal-leave tas-segretarju Eżekuttiv. |
| 33.03.27 | Is-segretarju Eżekuttiv resqgħet ċirkulari numru SPI/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2021 għall approvazzjoni tal-membri tal-kunsill. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar il-programm li għandu jitella' għall-żmien il-Milied jekk kemm il-darba il-kunsill Lokali tal-Isla jiġi magħżul biex jingħata 45,000 ewro u l-kunsill joħroġ 10 % skond iċ-ċirkolari. L-iskema ttagħlaq fis-7 t' Ottubru 2021. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-programm. |
| 33.03.28 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet il-Management Letter għas-sena 2020 u l-Council's Reply tas-sena 2020 lil awdituri . Il-Kunsilliera approvaw dawn l-ittri unanimament. |
| **33.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Kull meta qed jissaqa il-ġnien tat-terrace houses u minn min ?<br><br>Is-Sindku u s-segretarju wieġbu li dan jissaqa darba fil-ġimgħa mill-kuntrattur Alistair Bezzina.<br><br>Meta ser jitnaddfu il-culverts tax-xatt ?<br><br>Is-Sindku irrisponda li dawn itnaddfu fit-18 t' Awissu 2021 |

| | |
|---|---|
| | Meta ser jitneħħu il-ħadid li hemm imkissra tas-sellum.<br><br>Is-Sindku qal li ser jgħid lil Simon Aquilina kif ukoll jerġa jfakkar lil David Agius biex issir xi ħaġa għall dawk il-ħadid li hemm fejn kienet tintrama l-ġostra. |
| **33.5** | **Rapporti** |
| **33.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2021 fejn ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **33.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 33.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 8 / 2021 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **33.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 33.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-6:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum <u>23 ta' Settembru 2021</u>

IFFIRMATA______
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv